# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 283/2014**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Sciberras**

iben Anthony, imwieled Pieta', fl-10 ta' Awwissu, 1953, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 573453(M)

Illum, 11 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Sciberras quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Marzu, 2014 ghal habta ta' 22.40hrs gewwa l-fond Gloria, Triq Censu Busuttil, Fgura:

1. ingurja u/jew hedded lil martu Maria Grazia Sciberras, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2. hebb ghal martu Maria Grazia Sciberras u ikkaguna griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Diana Balzan MD tal-Paola Health Centre;

3. bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Maria Grazia Sciberras biza’ li ser tuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta ta’ Maria Grazia Sciberras.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 221(1), 251B(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u ghaldaqstant rabtet lill-imputat b’garanzija tieghu nnifsu ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal sena, taht penali ta’ hames mitt ewro (€500). Ma sabitux hati tat-tielet (3) akkuza u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Sciberrasipprezentat fit-3 ta’ Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-imputat instab mhux hati u thassarhom fil-parti fejn instab hati u tiddikjarah mhux hati u tilliberah skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox l-akkuzi huma ghal kollox michudin.

b. Illi l-fatt li l-ewwel qorti fis-sentenza ddikjarat l-imputat mhux hati fit-tielet (3) akkuza, turi b’mod car li qatt ma kien hemm vjolenza minn naha tal-imputat u fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti ser tara b’ghajnejja *vizibilment* kemm l-imputat hu ragel kajman u kwiet. Illi dan ifisser li l-parti leza mhiex kredibbli fl-akkuzi taghha u li tinkwadra ruhha sew fil-fatt li hi *‘master trouble’*, imma ghas-skopijiet ta’ dawn il-proceduri, hi qed tipprova tipprogetta ruhha bhala

vittima. Illi dan l-komportament minn naha taghha ikun ghal kollox differenti meta l-partijiet ikunu *'behind closed doors'*.

c. Illi abbinat mas-suespost, hi l-ewwel akkuza. Illi kif ser jirrizulta mill-argumenti bhala difiza mressaq mill-imputat, l-istess imputat jaf li martu hi *'master trouble'* u tara kif taghmel biex tipprovoka. Illi mill-provi rrizulta li fl-ebda stadju ma tressaq provi fir-rigward *'ingurjajt'* u *'heddidt'* ghax l-imputat ma kellux ghalfejn ghax wera l-parti leza martu li nduna x'kellha f'mohha u ghalhekk hareg rebbieh meta wrieha li ARMS Ltd ammettew li l-kont kellu jkun inqas u li kien hemm zball minn naha ta' ARMS Ltd. Illi b'hekk, l-imputat espona l-intenzjonijiet taghha liema haga urtat ghal kollox ghax rat li ma kienitx ser tilhaq l-ghan taghha liema haga ssarrfet f'imgieba xejn accettabbli, fosthom, li tagixxi kif gie spjegat iktar kmieni bil-proceduri ordjerni.

d. Illi fid-dawl tas-suespost, ma kienx hemm lok li l-parti leza tohloq *'tsunami'* meta l-imputat gie accertat mill-ARMS Ltd li l-kont kellu jkun inqas. Illi din il-verita' ma kienitx accettabbli ghall-parti leza fejn irrizulta li l-iskop taghha kien li tiehu iktar flus milli suppost! Illi allura irrizulta b'mod car li l-intenzjoni tal-parti leza giet skoperta! Illi rizultat ta' dan, l-parti leza riedet tivvendika ruhha mill-imputat, ir-ragel taghha, liema attitudini tikxef mhux biss li hi persuna perikoluza imma jidher car li hi skattat dawn il-proceduri biex tisfrutthom b'sens ta' pika kontra zewgha l-imputat biex taghmillu hsara. Illi dan l-agir mhux biss hi naccettabbli imma tikxef il-fatt li sar rapport falz kontra l-imputat liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera fid-dawl tas-sitwazzjoni u *se mai* tordna li jittiehdu proceduri opportuni fil-konfront taghha.

e. Illi ghalhekk it-tieni (2) akkuza issa taghmel sens kif irrizulta c-certifikat mediku! Illi jekk l-imputat hu tip kwiet u kajman, kontra l-istess parti leza li hu furjuza u pikuza basta l-affarijiet jimxu kif trid hi biss, allura, bhalma ndika l-imputat fix-xhieda tieghu, hu bl-ebda mod ma mess lil martu ghax ma kellux ghalfejn u wara kollox mhux suppost. Illi allura jidher car li l-allegat *"......griehi ta' natura hafifa...."* gew *'engineered'* mill-istess parti leza biex l-istess parti leza tilhaq l-ghan taghha ta' hsara intenzjonata li kellha kontra zewgha biex bis-sewwa jew bid-dnewwa tiehu ragun! Illi din il-pozizzjoni hi konfermata mill-fatt li l-ewwel qorti ma sabitx l-

imputat hati tat-tielet akkuza! Illi sfortunatament, l-ewwel qorti ma gharrfitx dan l-iskop minn naha tal-parti leza liema ommissjoni dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera.

f. Illi s-suespost aspetti jiskattaw principji varji li ghandhom jigu kunsidrati fosthom: l-ewwel u qabel kollox il-principju ta' *in dubbio pro reo*. Illi dan qed jinghad ghax mill-analizi tas-sitwazzjoni kif ukoll tal-karattri involuti, ma giex ippruvat minghajr l-icken dubbju li dak allegat mill-parti leza verament sar. Illi rrizulta kontra u cioe' li l-parti leza hi 'master trouble' u tara kif taghmel biex tikkomprometti r-ragel taghha. Illi f'dan in-nuqqas la l-kejl hu rigoruz fil-kamp penali, id-dubbju ghandu jmur favur l-imputat. Illi wara kollox, bhalma gie indikat fil-bidu nett, l-imputat qed jichad ghal kollox l-akkuzi fil-konfront tieghu.

g. Illi abbinat mas-suespost, l-pozizzjoni tal-imputat hi iktar kredibbli ghax l-istess parti leza, li hi ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni, iddikjarat kemm il-darba li ser taghmel minn kollox biex l-imputat jigi ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali. Illi allura jidher car l-artificjalita' tal-akkuzi fil-konfront tal-imputat li mhumiex veri u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera din is-sitwazzjoni u anki tordna proceduri kontra l-istess parti leza!

h. Illi *di piu*, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidera favorevolment il-pozizzjoni tal-imputat li qed jigi akkuzat minn akkuzi li ma avverawx ruhhom, bl-iskop car, biex l-istess parti leza taghmel hasar lill-imputat ragel taghha ibbazat fuq qerq. Illi, ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tiddisturba l-ewwel sentenza ghax il-verita' kienet tali li l-imputat kellu jigi dikjarat m'hux hati fuq l-akkuzi kollha!

i. Illi bl-ebda mod m'ghandu, s-suespost, jigi kunsidrat bhala ezawrjenti ghas-skopijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda glieda familjari fejn l-appellant gie akkuzat li fost affarijiet ohra ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu. Fil-fatt, il-konjugi Sciberras qeghdin jissepparaw izda joqghod fl-istess dar flimkine ma uliedhom u zewg neputi.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li terga tisma l-provi, peress li dawn ma gewx traskritti minhabba l-fatt li l-kawza hi wahda ta' natura sommarja.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwistjoni bejn il-konjugi kienet tirrigwarda l-hlas ta' kont tal-ilma u tad-dawl.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti u ma ghandha xejn izzid.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Anthony Sciberras u tikkonferma s-sentenza appellata.